



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

9841/22

LIMITE

CORLX 499
CFSP/PESC 719
RELEX 734
COAFR 126
CONUN 107
COARM 97
FIN 607

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-
Regolament (KE) Nru 1183/2005 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-
sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta' ...

**li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1183/2005
dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni
fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1183/2005 tat-18 ta' Lulju 2005 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

¹ ĠU L 193 23.7.2005, p. 1.

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Lulju 2005, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 1183/2005.
- (2) Wara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-kawża T-108/21¹, jenħtieġ li titħassar entrata waħda mil-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness Ia għar-Regolament (KE) Nru 1183/2005.
- (3) L-Anness Ia għar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 għaldaqstant jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

¹ Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' April 2022, *Ferdinand Ilunga Luyoyo vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, T-108/21, ECLI:EU:T:2022:253.

Artikolu 1

L-Anness Ia għar-Regolament (KE) 1183/2005 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

L-entrata li ġejja titħassar mil-lista li tinsab fit-Taqsima A ('Persuni') tal-Anness Ia għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1183/2005:

"3. Ferdinand Ilunga LUYOYO".

